MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1714/2002

**Pius Camilleri**

**Vs**

**Paul Chircop**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf mija u hamsa u sebghin lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm1,175.88) danni sofferti f’incident tat-traffiku li sehh fis-7 ta’ Marzu 2002 ghall-habta tal-11.30 a.m. fi Triq ix-Xatt, Pieta meta l-konvenut waqt li kien qieghed isuq il-vettura Kia Ceres numru DBB 035 habat mal-vettura Range Rover Disvoery numru AAR 695 u kkagunalu hsara.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident.

Semgha l-provi.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-atti tal-kawza.

Ikkunsidra:-

1. L-incident sehh fi Triq ix-Xatt, Pieta. Mill-provi rrizulta li l-vettura misjuqa mill-attur kienet ghaddejja mit-triq principali filwaqt li l-konvenut hareg minn triq sekondarja minn fuq il-lemin ta' l-attur.

2. M'hemmx kontestazzjoni li fil-parti fejn sehh l-incident, min bhal konvenut kien ser jaqbad Triq ix-Xatt ghandu vizwali cjara u libera tal-vetturi li jkunu gejjin min-naha tax-xellug tieghu. Mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi haga li kienet qeghda tostakola l-vizwali tal-konvenut, iktar u iktar meta huwa kkonferma li *"jiena kont qieghed fuq dik* (igifieri l-karreggjata) *tax-xellug, jigifieri iktar lejn il-Belt"*.

3. Fil-fehma tat-Tribunal, il-fatt li l-konvenut xehed fis-sens li l-vettura tal-attur ma rajhiex u *"l-ewwel darba li rajt il-vettura AAR 695 kien mal-habta" [fol. 26]*, ifisser li meta hares fuq ix-xellug ma harisx sew jew inkellha ma hares xejn. Il-konvenut kompla jzied li *"meta harist jien, miz-zewg karreggjati ma kienux ghaddejjin vetturi"*. Kliem li fil-fehma tat-Tribunal ma jista' jfisser xejn ghajr li l-konvenut ma kienx qieghed izomm *proper look out* hu u hiereg ghal fuq it-triq principali. Huwa maghruf li min ikun hiereg minn triq sekondarja ghandu obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, li jesplora tajjeb il-main road qabel johrog fiha, u li jieqaf biex jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara ghall-utenti tat-triq principali. Sahansitra, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs C. Balzan** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-27 ta' Mejju 1967, inghad – *"il-fatt li s-side road user gie milqut meta kien ittraversa bicca sewwa mit-triq principali huwa rrilevanti"*. Il-

konvenut kellu l-obbligu li jidhol fi Triq ix-Xatt bla ma jiehu riskju u zgur mhux bl-izgiccaturi. Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li m'hemmx ghalfejn jigi enfasizzat li l-grad ta' diligenza li kellu josserva l-konvenut kien ferm akbar minn dak li kellu josserva l-attur li kien ghaddej minn fuq il-*main road*. L-argument tal-konvenut li fil-hin ta' l-incident kien diga' ha postu fit-triq principali, ma jfisser xejn. Id-distanza minn fejn hareg il-konvenut ghal fejn waqfet il-vettura tieghu hija wahda qasira hafna u ssir minn vettura f'tebqa t'ghajn. Fic-cirkostanzi, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-sewqan tal-konvenut kien il-kawza prossima ta' l-incident meritu tal-kawza.

4. B'riferenza ghad-danni t-Tribunal huwa tal-fehma li dawn gew sodisfacentement ippruvati. Is-surveyor li l-kumpannija assiguratrici tal-konvenut inkarigat sabiex jaghmel *survey report* ikkonferma li l-valur tal-*parts* indikati minnu huwa biss wiehed approssimattiv u lanqas ma jinkludi hlas ta' Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Tant hu hekk li ma eskludiex il-fatt li l-*parts* iqumu iktar minn dak indikat minnu u li huwa ma vverifikax il-valur tal-parts ma' l-agenti minn fejn jinxtraw il-*parts*. Il-konvenut qieghed joggezzjona wkoll ghas-somma ta' Lm126.45 li tirreferi ghal *"window electric winder"*. Jirrizulta li din il-*part* ma ssemmitx fis-*survey report* li sar minn Joseph Muscat li meta xehed (seduta tat-18 ta' Marzu 2003) iddikjara li ma qaghadx jivverifika jekk saritx hsara f'dan l-apparat. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kien biss wara li kien ra l-vettura li min kien ser jaghmel ix-xoghol ta' tiswija kien ikkomunika mieghu u gharrfu b'dan il-fatt. Jirrizulta li meta s-surveyor spezjona l-vettura x-xoghol kien ghadu ma bediex. Fil-fehma tat-Tribunal il-fatt li din il-part ma ssemmitx fir-rapport tas-*surveyor* ma jfissirx b'daqshekk li ma saritx hsara fiha b'rizultat ta' l-incident. Inoltre, Joseph Muscat stess xehed li l-bieba tan-naha tax-xufier kellha daqqa. Lanqas ma rrizulta mill-provi li qabel ma sehh l-incident it-tieqa tan-naha tax-xufier kellha xi hsara.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddecidi l-kawza billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf mija u hamsa u sebghin lira Maltija u

tmienja u tmenin centezmu (Lm1,175.88) u dan peress li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba u bl-ispejjez kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------